MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 484/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. David Saliba)**
**Vs**
**Joseph Farrugia**
**Paul Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
Fuq talba ta’ l-Awtorita’ ghas-Sahha w is-Sigurta’ fuq il-posta tax-xoghol qed jigu akkuzati talli fit-3 ta’ Gunju, 2010 fi Triq Hompesch, Zurrieq u/jew fil-granet ta’ qabael naqsu milli jharsu s-sahha w is-sigurta’ taghhom, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu addetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqsu milli jiehdu l-mizuri necessarji

sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolement prattiku u dan ai termini ta’ l-artikolu 7(1) ta’ l-Att 27/2000 Kap. 424.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 7(1) tal-Att 27/2000 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ma sabitx lill-appellati hatja w ghaldaqstant illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-17 ta’ Novembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla, tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w minflok tiddisponi minnha skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata w inkompleta ta’ l-evidenza migjuba mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi odjerni.

Illi primarjament jinghad illi s-sit *de quo* ma kellu l-ebda forma ta’ recint, bhal per ezempju xi grada, li seta’ jzomm lil terzi persuni milli jaccessaw b’certa facilita’ s-sit in kwistjoni.  L-access ghall-imsemmi sit kien tant facli li dan seta’ jigi accessat minn tfal ta’ eta’ zghira minghajr l-ebda diffikulta’.  Di fatti, l-unika recint li kien hemm fis-sit huwa nofs hajt mibni minn bricks grizi, liema hajt pero’ ma jkoprix id-dahla kollha ta-sit izda jhalli spazju bizzejjed sabiex ikun hemm entratura ghall-vejikoli ta’ certa kobor. Ir-ritratti pprezentati mill-ufficjal ta’ l-Awtorita’, senjatament ir-ritratti nru 1 (a fol. 5), 3 (a fol. 6), 5 (a fol. 7) u 11 (a fol. 10) juru l-bricks ta’ lewn griz, mpoggija fuq xulxin, filwaqt li whud minnhom huma sparsi ma’ l-entratura.  Il-fetha li hemm f’dan ir-recint (u li hija sottolineata fir-ritratt nru. 11 (a fol. 10) turi kif l-access kien verament facli ghall-pubbliku in generali.

Illi dan l-access facli ghas-sit ta' kostruzzjoni ma kienx l-unika nuqqas serju da parti ta' l-appellati. Jirrizulta wkoll li f'parti mis-sit *de quo* kien hemm binja ta' qishom garages li tesporgi ghal madwar sular gholi mill-art (vide ritratt nru.1 (a fol. 3), 4 (a fol. 6 u 7 (a fol. 8), liema binja ma kellha l-ebda forma ta' lqugh biex jipprotegi persuna milli taqa' minn dan l-gholi, kif titlob is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol. B'dan illi haddiem li jkun qieghed jahdem fuq is-saqaf ta' din il-binja jista' facilment jaqa' l-gholi tal-binja, b'konsegwenzi possibilment fatali.

Illi di piu, mal-genb ta' l-imsemmi sit kien hemm fondoq, li huwa ta' madwar sular u nofs fond, li ma kellu l-ebda forma ta' ghata jew protezzjoni ohra milli zzomm persuna li facilment taqa' fih b'konsegwenzi mill-aktar serji. Di fatti, r-ritratti pprezentati mill-prosekuzzjoni, senjatament ir-ritratti nru. 1 (a fol. 3), 3 (a fol. 4), 2 (a fol. 5), 8 (a fol. 8), 9 u 10 ( a fol. 9 u 11 u 12 (a fol. 10) juru dan l-imsemmi fondoq u l-perikolu reali li tali nuqqas da parti ta' l-appellati kien qieghed jirreka fis-sit.

Illi biex tkompli zzid mal-perikolizita' ta' l-imsemmi fondoq, fis-sit in kwistjoni, ftit centimetri boghod mill-imsemmi fondoq, kien hemm hofra li hdejha ezatt kien hemm mitfugha ma' l-art bicca wire ta' l-azzar li setghet facilment sservi sabiex persuna li tkun ghaddejja min hdejn il-fondoq tgerbeb bil-konsegwenzi tragici li tali tgerbib jista' jgib! (ara ritratt nru. 4 a fol. 3 u 14 a fol. 11).

Illi s-sit *de quo* kellu numru kbir ukoll ta' nuqqasijiet fis-sigurta' ta' min kien qed jahdem fuq il-post, fothom ukoll vireg li thallew skoperti minghajr ma saritilhom xi haga sabiex tigbed l-attenzjoni ta' min ikun ghaddej minn hdejhom. Di fatti, r-ritratt nru. 1 (a fol. 3) juri dawn l-imsemmija vireg fin-nofs tas-sit *de quo* minghajr ma kellhom ghata jew sinjal iehor li jipprotegi lil min ikun ghaddej minn hdejhom.

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-appellant hu tal-fehma li dawn in-nuqqasijiet kollha fuq is-sit *de quo*, kif ukoll il-facilita' li biha persuna – jew forsi tifel jew tifla –

setghet taccedi ghal dan l-istess sit, huma nuqqasijiet serjissimi u l-appellati, li kienu haddiema fis-sit naqsu milli jissalvagwardjaw is-sahha w is-sigurta' kemm taghhom kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti li bih dan l-appell kellu jinstema' kontestwalment mal-appell numru 481/2010.

Reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid għax ix-xhieda li nstemgħu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinux reġistrati.

Illi l-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din tkun waħda li setgħet tasal għaliha raġonevolment u legalment.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett, fl-assenza tar-reġistrazzjoni tal-provi, il-Qori semgħet ix-xhieda mill-ġdid u ordnat li l-appelli 481/2010 u 484/2010 jinstemgħu kontestwalment.

It-tieni s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tgħid dan:

'Din il-Qorti ma ssibx lill-imputati ħatja u għaldaqstant tilliberahom.'

Fil-verbal a flo 2 hemm imniżżel hekk:

'Xehed Melino Mercieca li ppreżenta r-ritratti.
Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li għalqet il-provi.
Id-difiża tiddikjara li m'għandhiex provi.
Il-partijiet ittrattaw.
Il-Kawża deċiża.'

**Xhieda quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.**

Quddiem din il-Qorti xehed xhud wieħed biss għall-Prosekuzzjoni. Dan kien Melino Mercieca li qal li kienet saret spezzjoni fit-3 ta' Ġunju 2010 flimkien mal-kollega

tiegħu Clifton Cachia ġo sit tal-kostruzzjoni li tinsab ġewwa Triq Hompesch fiż-Żurrieq. Hemm kien tkellem mas-sur Farrugia (95877(M)) u s-ur Paul Farrugia (ID 255371(M)) fil-kapaċita' tagħhom ta' kuntratturi, liema nies kien qed jagħraf fl-Awla.

Waqt l-ispezzjoni kein innota diversi nuqqasijiet fosthom dawk ta' riskji ta' waqgħat mill-għoli fejn kien hemm partijiet li ma kellhom ebda lqugħ.

Barra minn hekk, is-site kienet miftuħa għal terzi, speċjalment għal tfal żgħar.

Nuqqasijiet oħra li osserva kienu n-nuqqa ta' sinjali ta' saħħa u sigurta' li jindikaw li s-sit kien wieħed ta' kostruzzjoni.

Ix-xhuda kien (a) waqqaf ix-xogħol u (b) ta ordni lis-sur Joseph Farrugia u lis-Sur Paul Farrugia biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet.

Ix-xhud qal li kien akkwista id-dettalji dwar l-ID cards minn għand il-persuni msemmija. Huwa kien kellem lill-persuni kollha personalment.

Fil-kontro-eżami x-xhud kein mistoqsi mill-abbli difensur Dr Robert Abela jekk waqt li kien qed jixhed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kienx semma l-persuni bl-ismijiet u bl-ID card.

Ix-xhud wieġeb li kien semma l-persuni min huma, ma' min iltaqa' u ma' min tkellem. L-ID card ma kienx semmieha. Lanqas ma kein identifika l-persuni fl-awla personalment.

Fir-ri-eżami huwa kien mistoqsi dwar x'kienet ir-reazzjoni tad-difiża meta huwa xehed bil-mod msemmi fil-paragrafi ta' qabel quddiem l-Ewwel Qorti u hu ma tax 'din l-informazzjoni.'. Ir-risposta tax-xhud kienet li ma kien hemm ebda reazzjoni.

Il-Qorti rat ukoll id-dokumenti esibiti li huma sett ta' ritratti li juru x-xogħol tal-bini kif kien. (1 sa 17).

L-appellat Paul Farrugia xehed li kienet iġibditlilhom l-attenzjoni tagħhom lejn xi nuqqasijiet u huma kien ħadu ħsieb jirranġawhom dak in-nhar stess. Dwar il-bini għoli (ta' madwar 11-il filata), dan ma kienx hemm aċċess għalih. Mill-ħajt ta' barra seta' jidħol crane. Tal-Health and Safety ġew meta nħarġet il-himac. Il-ħajt kien amd-dawra kollha u għoli sitt filati.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li r-ritratti kienu ttieħdu dak in-nhar li saret l-ispezzjoni. Meta kien mistoqsi kinux jeżistu xi sinjali li twaqqaf lil min ikun għaddej, huwa wieġeb li sinjali ma kienx hemm għax ħadd ma seta' jidħol.

Fir-ri-eżami x-xhud qal li kienet risponsabilita' tal-himac li jerġa' jagħlaq il-ħajt.

L-appelalt Joseph Farrugia xehed li l-fetħa kellha ssir bilfors biex joħroġ il-makkinarju minnha. X'ħin ħareġ tal-himac ma kinujx miegħu u dan tqabbad mis-isd stess. Il-garaxxijiet kienu għoljin madwar 11-il filata. Biet titla' fuqhom trid titla' mit-taraġ tal-faċċata. Barra kien hemm ħajt tla-bricks għol sitt filati. Meta nġibditlhom l-attenzjoni tagħhom dwar in-nuqqasijiet, irranġaw kollox dak in-nhar stess. Kienu komplew wara xi ġimgħa jew tmint ijiem.

Fil-kontro-eżami Joseph Sammut qal li l-fetħa kienet saret dak in-nhar stess. Huwa qal li n-nuqqasijiet dwar il-ħajt bilfors trid taċċetthom għax kien maqlugħ għax dak in-nhar kienu qed jippjanaw biex itellgħuh minn isfel kif għandu jsir. Meta kienu muri r-ritratti, huwa kkonferma li x-xogħol kien fl-istat kif muri fir-ritratti. Huma kienu jkunu fuq ix-xogħol għax jaħdmu bi sħab.

Fir-ri-eżami x-xhud qal li ma kinux preżenti meta ħadem tal-himac.

**Trattazzjoni**

Fit-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni straħet fuq ir-rikors promotorju li kien fih id-dettalji skont ir-ritratti. Żiedet tgħid li l-Liġi qatt ma titlob b'mod pożittiv li xi ħadd irid jiġi identifikat personalment.

L-abbli difensur issottometta li skont il-Prosekuzzjoni 'qatt ma kien hemm dubju dwar l-identita' tal-akkużati quddiem l-Ewwel Qorti.' Id-difiża ma qablitx u minflok ssottomettiet

*'Mhux talli kien hemm dubju, talli kienet id-difiża speċifika quddiem l-Ewwel Qorti u jidher ċar ukoll li l-Ewwel Qorti kellha d-dubju tagħha, tant hu hekk li għaddiet 'il quddiem biex illiberat lill-akkużati'.*

F'dan il-każ ma kienx hemm żbalji fil-karti tal-identita'. Ix-xhud Melino Mercieca ma identifikax lill-imputati. L-identifikazzjoni għandha ssir mill-Prosekuzzjoni u mhux sew li jintuża l-appell biex jiġu inseriti provi ġodda.

Barra dan, skont id-difiża li l-Kap 424 jew ir-regolamenti li jaqgħu taħtu ma jindikawx x'għandu jsir biex tinżamm sistema sigura fuq il-post tax-xogħol.

**Fil-mertu** jekk kien hemm ċint għoli ħadd ma jista' jidħol ħlief jekk jaqbeż iċ-ċint. Meta qiegħed fi stat ta' kostruzzjoni ma tistax tistenna li ssib kollox perfett mill-ewwel jum. Il-garages veru kienu għoljin u ma kellhomx reċint, iżda ma kienx hemm aċċess għall-garages. Biex titla' fuqhom ħtieġlek tuża sellum. Fuq kollox, in-nuqqasijiet kienu regolarizzati mill-ewwel.

Fit-tmiem tat-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni insistiet li jeżistu indikazzjonijiet kemm fil-Liġi kif ukoll fir-regolamenti li saru taħt il-Kap 424 li jindikaw x'miżuri għandhom jittieħdu biex il-perikolu fil-post tax-xogħol jitnaqqas.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett l-Avukat Ġenerali seta’ jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali minħabba li l-artikolu 38(7) tal-Kap 424 (Liġi Speċjali) jagħtih is-setgħa li jagħmel dan. Hawnhekk mhux marbut bir-restrizzjonijiet tal-artikolu 413(1)(b) tal-Kap 9.

It-tieni. Din il-Qorti għandha quddiemha kemm is-sentenza miktuba bl-idejn mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll kopja tal-istess sentenza ittajpjata u fit-tnejn m’hemmx x’inhuma r-raġunijiet għala l-Qorti ddeċidiet li tillibera liż-żewġ imputati.

It-tielet, il-Qorti kellha tisma’ l-provi mill-ġdid għaliex dawk li nstemgħu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinux reġistrati u / jew ma kinux dattilografati.

Ir-raba’. Id-difiża ssottomettiet li kien in-nuqqas ta’ identifikazzjoni tal-imputati li wassal għal-liberazzjoni. Fil-fatt, fil-kontro-eżami (ara mistoqsija ta’ Dr Robert Abela) u fit-trattazzjoni għafset fuq dan il-punt.

**Identifikazzjoni**

Mill-provi **quddiem din il-Qorti** li l-uniku xhud li kellha l-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, meta mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk kienx identifika lill-appellat imputat, per eżempju Paul Farrugia, ix-xhud wieġeb:

‘Le. Ma identifikajtux personalment.’

Insistiet ukoll li kien dan in-nuqqas ta’ identifikazzjoni li wassal għal-liberazzjoni tal-imputati appellati.

Ikkunsidrat

Minkejja li dak li qed issostni d-difiża mhux rifless fl-atti jew fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti xorta qed tgħarbel din is-sottomissjoni dwar jekk l-identifikazzjoni mix-xhud tal-imputati hix indispensabbli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Il-Qorti qieset dan li ġej:
(a) Il-Kap 9 ma jirrikjedix din l-identifikazzjoni espressament;
(b) li f'dan il-każ l-appellati imputati jew id-difiża tagħhom ma qajmu ebda reazzjoni dwar dan waqt li kien qed jinstema' x-xhud.
(ċ) Barra minn hekk, waqt is-smigħ ta' kawża, fl-Awla jkun hemm preżenti min ikun ġie mħarrek - partikolarment meta jissejjaħ il-każ.
(d) Ma kien hemm dubju dwar min kien qed jixhed Melino Mercieca.
(e) Fuq kollox, l-aktar importanti huma li wieħed iwieġeb għas-sejħa u l-konnotati u mhux li wieħed ikun identifikat. Jista' jmur spettur ta' xi dipartiment – hu li hu - li jieħu l-particulars (kif sar f'dan il-każ) iżda li mhux bilfors jagħraf personalment lill-persuna partikolari meta dan jidher fl-Awla għax ikun għadda xi ftit taż-żmien, jew għax ikollu mitt każ ieħor tal-istess xorta jew għax il-memorja ma twassalx. Hawn bilfors ikollu jistrieħ fuq il-karti.

(f) Fl-aħħarnett, - u dan qed jingħad biss super abundantia cautela - din il-Qorti semgħet il-provi ex novo. U quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienx hemm dubju dwar min kien qed jingħad id-diskors dwar l-allegati reati.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad is-sottomissjoni tad-difiża li għax ma saritx l-identifikazzjoni allura l-imputati kellhom ikunu liberati.. Qed tiċħad ukoll is-sottomissjoni tad-difiża, li skont hi, 'ma tistax tissana żball li sar quddiem l-Ewwel Qorti'. Hemm differenza enormi bejn li xhud ma jagħrafx lil min aggredih jew iffrodah fejn l-identifikazzjoni tista' tkun vitali. Iżda f'każi bħal dawk ta' llum – jiġifieri ta' bixra amministrattiva u li huma intiżi biex joffru protezzjoni lill-ħaddiem u liċ-ċittadin – is-sitwazzjoni hija għal kollox differenti. Dan ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni tista' taqbad u twaħħal f'dak jew fl-ieħor u ġġib quddiem il-Qorti nies li m'għandhomx x'jaqsmu. Kieku jsir hekk ir-reazzjoni hawn tkun waħda loġika u naturali : jien x'għandi x'naqsam? Iżda fir-records ta' dan il-proċess ma hemm ebda nota ta' reazzjoni bħal din. F'dan il-każ in-nuqqas ta' identifikazzjoni – jekk tassew din ma saritx - ma twassal għall-ebda liberazzjoni.

**It-tieni sottomissjoni legali**

Id-difiża ssottomettiet ukoll li teżisti nuqqas ta' ċertezza legali dwar x'inhu safe u x'mhux. Iżda l-artikolu 6(2) tal-Kap 424 jelenka numru ta' miżuri li għandhom jittieħdu. Barra minn hekk il-Liġi trid tkun applikata bil-buon sens speċjalment meta sengħa bħala kostruzzjoni mhix xi waħda ġdida u fuq medda ta' żmien ikunu stabbiliti prattiċi ċarissimi dwar x'wieħed għandu jagħmel biex inaqqas il-perikolu. Filfatt, jekk wieħed idur ftit il-Kap 9, malajr isib għadd ta' artikoli b'vokabularju li mhux definit. Biex wieħed jagħti żewġ eżempji: L-artikolu 203: 'b'għemil żieni' u 'jikkorrompi' jew l-artikolu 209 'joffendi l-pudur jew il-morali.' U fil-każ jekk offiża hix gravi, jiġu mumenti fejn l-aħaħr kelma hi kif jaraha min irid jiġġudika. Madanakollu dejjem saru l-proċeduri li twasslu sa tmiemhom skont is-savju ġudizzju tal-ġudikant jew tal-ġurija. Wara kollox, lLi nsistew fuqu l-ispetturi ma kinux xi dettalji ta' barra minn hawn iżda prekawzjonijiet ta' kull jum. Għalhekk il-Qorti mhux tilqa' din is-sottomissjoni.

**Fil-mertu**

Fil-mertu, ix-xhieda ta' Melino Mercieca hija ċara biżżejjed u r-ritratti huma dokumenti vitali wkoll. Fuq kollox iż-żewġ imputati appellati xehdu li kienu ħadu l-prekawzjonijiet li nsistew għalihom l-ispetturi dak in-nhar stess. Huma qalu wkoll li t-toqba fil-ħajt kienet saret minn tal-himac.

Bir-rispett kollu l-imputati appellati xehdu li huma kienu in charge tax-xogħol flimkien ma' terza persuna. La kienu in charge tax-xogħol huma responsabbli ta' dak kollu li jsir fuq il-post tax-xogħol u huwa inutli li jwaħħlu f'ħadd ieħor.
Il-Qorti lanqas m'hi konvinta bl-argumenti li wieħed ried jaqbeż ċint beix jesponi ruħu għall-perikolu jew li wieħed l-ewwel ried jitla' fuq il-garaxxijiet u li dan l-aċċess ma kienx jeżisti. Il-mod kif attemporaw ruħhom mal-Liġi mal-ewwel meta l-Ispetturi ġibdulhom l-attenzjoni huwa prova li l-affarijiet ma kinux kif jitlob il-Kap 424 – jiġifieri kienu ttieħdu l-prekawzjonijiet bix ħadd ma jweġġa'.

Din il-Qorti għalhekk qed issib lill-appellati ħatja tal-imputazzjoniji dedotta kontrihom.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fis-27 t'Ottubru 2010 fl-ismijiet premessi 'Il-Pulizija (Spettur David Saliba) versus Joseph Farrugia u Paul Farrugia fejn il-Qorti tal-Maġistrati kienet illiberat lill-imputati appellati mill-imputazzjoni dedotta kontrihom u minflok (din il-liberazzjoni) wara li rat l-artikoli 6(1)(2), 6(e) u 38(3) tal-Kap 424 qed issib lill-appellati imputati ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontrihom u, stante li mill-ewwel obdew id-direttivi tal-Ispetturi, qed tagħżel il-minimu u qed tikkundanna lil kull wieħed minnhom iħallas multa ta' €466. (erba' mija u sitta u sittin Ewro).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------